MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 270/2011

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fl-10 ta' Jannar 1985 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok A) u minn dan iz-zwieg huma kellhom erbat itfal li minnhom wahda F ghandha minorenni u ghandha tnax-il sena.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell datata 28 ta' Mejju 2010 (Dok B).

Illi pero huma kienu ilhom mifrudin zgur mis-sena 2002 li kienet is-sena meta gew inizzjati l-proceduri ta'

separazzjoni ghal minu minn dak iz-zmien ma ghexux flimkien.

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minhabba li ilhom is-snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xuxlin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohrajn/familji godda.

Illi r-rikorrent fis-sentenza msemmija gie kkundannat ihallas manteniment ta' €210 lill-mara u €350 lil kull wiehed mill-minuri (illum hemm wahda).

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

i) Tipprununzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet,
ii) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttura tar-Registru bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku,

u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-intimata, li *in forza* taghha huwa eccepiet :

1. Illi l-esponenti taqbel illi l-partijiet sseparaw de facto fis-sena 2002 u cioe’ mid-data meta hija kienet kostretta titlaq shelter ta’ l-Appogg wara vjolenza kommessa fuqha minn zewgha;
2. Illi l-partijiet ghandhom erbat itfal, tlieta maggorenni u wahda minorenni, it-tifla minorenni tghix mal-omm;
3. Illi l-esponenti <u>qed tecepixxi wahda mill-eccezzjonijiet permessa mil-ligi fl-artikolu 66 D tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta</u> in kwantu r-rikorrenti minn dejjem huwa tardiv sabiex ihallas il-manteniment li l-Qorti

akkordat ghaliha personalemnt u ghat-tfal minuri. Illi l-ahhar manteniment li l-intimat hallas ftit tal-granet ilu kien jirreferi ghal Awissu 2011 u cioe' tlett xhur lura;
4. Illi kemm ilhom il-partijiet separati l-esponenti kellha ghal ghexieren ta' drabi taghmel kwereli ghall-hlas ta manteniment u tithallas mill-intimat qabel ftit qabel ma jkun hemm is-seduta quddiem il-Qorti tal-Familja sede Kriminali u dan sabiex ma jehilx il-piena komtemplata fil-ligi. Illi kien hemm seduti quddiem il-Qorti Kriminali anki' din is-sena;
5. Illi l-esponenti qed titlob li jekk dina l-Onorabbli Qorti tilqa t-talba tar-rikorrenti ghandu japplika l-garanzija ghal manteniment kontemplata fl-artikolu 66I sub-inciz (3);
6. Illi inoltre minkejja li ghadda t-terminu konfermat mill-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Mejju 2010 sabiex ir-rikorrent jivvaka mid-dar u d-dar tinbiegh huwa ghadu qed jirrisjedi hemm mal-partner tieghu;
7. Illi jekk l-intenzjoni tar-rikorrent hija li jerga jizzewweg hija ma tistax taccetta li jistabixxi ruhu bhala mizzewweg fid-dar proprjeta' taz-zewgt partijet mal-mara gdida tieghu. Illi sa fejn taf l-esponent ir-rikorrent ma ghandux proprjeta' immobbli ohra;
8. Illi l-esponenti ghadha ma thallsitx mir-rikorrent sehemha tal-kommunjoni tal-akkwisti u r-rikorrent ghad ghandu l-pussess tal-assi kollha tal-partijiet. Illi l-esponenti tissottometti li anki dawn il-pendenzi ghandhom jigu rizolti qabel ma jkun hemm tibdil fl-istatus tal-partijiet;
9. Illi ghaldaqstant l-esponent f'dan l-istadju qed topponi ghal decizjoni tal-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet;
10. Illi l-esponenti tirriserva li tressaq dawk il-provi u taghmel dawk is-sottomissjonijiet permessi mill-Ligi;
11. Illi tant ghandha x'tissottometti l-esponenti f'dan l-istadju a savju u superjuri gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Ottubru, 2011;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Jannar, 2013 illi permezz taghha l-intimata iddikjarat illi ir-rikorrenti hallasha l-arretrati kollha ta' manteniment u illi ghalhekk

ma hemm l-ebda manteniment dovut mir-rikorrenti lill-intimata;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti issodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta’ Mejju 2010, izda ilhom de facto separati mis-sena 2002;

Ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------